

Appell ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2015 minn Fernando Brás Messias mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fl-4 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża T-192/15, Fernando Brás Messias vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-422/15 P)

(2016/C 048/12)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Appellant: Fernando Brás Messias (rappreżentant: F. Brás Messias, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika Portugiża

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Diċembru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddikjarat ir-rikors inammissibbli.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2015 – Udo Voigt vs Il-President tal-Parlament Ewropew, Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-425/15)

(2016/C 048/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Udo Voigt (rappreżentant: P. R. Richter, avukat)

Konvenuti: Il-President tal-Parlament Ewropew, Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) iddeċidiet li hija manifestament ma għandhiex kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Udo Voigt fil-31 ta' Lulju 2015 u bagħtet il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-ispejjeż huma rriżervati.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Ottubru 2015 – Feliks Frisman vs Finnair Oyj

(Kawża C-533/15)

(2016/C 048/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Feliks Frisman

Konvenuta: Finnair Oyj

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt" tirreferi wkoll għall-dritt għall-ħlas ta' kumpens fis-sens tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallew xjtilghu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjuriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, ta' passiġġier kontra trasportatur tal-ajru effettiv li ma huwiex il-parti kontraenti tiegħu?